

Suġġett

Servizz pubbliku — Talba għal kumpens għad-dannu subit mir-rikorrenti minħabba d-deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2003 li hija kienet ġiet irtirata minħabba invalidità.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) S.Ferraresi hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 113, 16.05.2009, p. 45

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Novembru 2009 — Meister vs Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

(Kawża F-17/09) (¹)

(“Servizz pubbliku — Uffiċċjali — Rikors għal annullament — Referenza għall-punti ta' promozzjoni akkumulati preċedentament — Nuqqas ta' att li jikkawża preġudizzju — Rikors għad-danni — Dannu li ma jistax jiġi stimat — Inammissibilità manifesta”)

(2010/C 24/149)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Herbert E. Meister (Muchamiel, Spanja) (rappreżentant: H.-J. Zimmermann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentanti: I. de Medrano Cabalero, aġent, assistit minn D. Waelbroeck, avukat)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrent dwar in-natura difettuża u inkorretta tar-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu tal-2008 u l-kisba ta' kumpens għad-danni materjali allegatament imġarrba.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors ta' H.-E. Meister huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli
- (2) H.-E. Meister għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u dawk tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni).

(¹) ĠU C 113, 16.05.2009, p. 46

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Novembru 2009 — Lebedef vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-54/09) (¹)

(Servizz pubbliku — Uffiċċjali — Leave annwali — Sekondar part-time għall-finijiet ta' rappreżentazzjoni tat-trejdjunjin — Assenza mhux awtorizzata — Tnaqqis tad-dritt għal-leave annwali — Artikolu 60 tar-Regolamenti tal-Persunal — Rikors manifestament infondat)

(2010/C 24/150)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Giorgio Lebedef (Senningerberg, il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġenti)

Suġġett

L-annullament ta' deċiżjonijiet varji dwar it-tnaqqis ta' 39 ġurnata mill-ġranet ta' leave tar-rikorrent għas-sena 2008.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.
- (2) G. Lebedef għandu jbati l-ispejjeż kollha.

(¹) ĠU C 167, 18.7.2009, p. 28

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-29 ta' Settembru 2009 — Labate vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-64/09)

(Servizz pubbliku — Uffiċċjali — Sigurtà Soċjali — Assigurazzjoni kontra r-riskji ta' inċidenti u mard fuq ix-xogħol — Mard ikkaġunat mix-xogħol — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Rinviju għal Qorti tal-Prim'Istanza)

(2010/C 24/151)

Lingwa tal-kawża: Il-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kay Labate (Tarquinia, l-Italja) (rappreżentant: I. Forrester, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej